Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9247 — MC/Franz Haniel/ELG)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 57/15)

1. Fis-6 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi Corporation (il-Ġappun),

— ELG Haniel GmbH ("ELG", il-Ġermanja), ikkontrollata biss minn Franz Haniel & Cie. GmbH ("Franz Haniel", il-Ġermanja),

— ELG Carbon Fibre Limited ("ECF", ir-Renju Unit), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' ELG.

Mitsubishi Corporation u Franz Haniel jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt kollu ta' ECF kollha kemm hi. ECF bħalissa hija kkontrollata esklussivament minn Franz Haniel.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mitsubishi Corporation: operazzjonijiet ta' żvilupp u ta' negozji f'diversi industriji, inklużi l-ambjent u l-infrastruttura, il-manifattura, il-finanzi, l-enerġija, il-metalli, il-makkinarju, il-kimiċi u l-ikel.

— ELG: il-kummerċ, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' materja prima għall-industrija tal-azzar inossidabbli kif ukoll materjali ta' prestazzjoni għolja bbażati fuq il-karbonju.

— ECF: ir-riċiklaġġ tal-fibra tal-karbonju mill-manifattura ta' skart u ta' komponenti komposti li spiċċaw, il-manifattura ta' prodotti tal-fibra tal-karbonju riċiklat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9247 — MC/Franz Haniel/ELG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.